**8 ta' Frar, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri, LL.D.**

**Francesco Abela**

*versus*

**Frank Gera et.**

**Indivisibilità u solidarjetà taċ-ċens — Restitutio in integrum."**

*Sakemm il-koenfitewti tal-istess fond enfitewtiku ma jiġux mill-padrun dirett liberati mill-indivisibilita' u solidarjeta' tal-kanone, u ma jiġux minnu separatament rikonoxxuti, l-obbligazzjoni tagħhom għall-pagament taċ-ċens hija indivisibbli u solidali. Inoltre minħabba l-element tas-solidarjeta' l-enfitewta', f'kawża ta' devoluzzjoni, mhux ammess jitlob il-kjamata fil-kawża tas-subenfitewta morus, salv jaunr tiegħu kwalunkwe dritt ta' regress kontra l-koobbligati. Din is-solidarjeta' tagħti d-dritt lil kull kreditur li jagħżel lil min irid mid-debituri solidali biex jdur fuqu għall-ħlas.*

*Il-figura ġuridika tar-"Restitutio in Integrum" mhix espressament kontemplata mill-liġi tagħna u ġiet dejjem konsidrata bħala dak l-att li permezz tiegħu, għall-motivi ta' ekwita', u in forza ta' kawża leġittima jiġi rżolut kuntratt li jkun strettament validu skond il-liġi, iżda jkun ta' ħsara lit-terza persuna li kienet tkun ġeneralment minuri. Hu paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna sa mis-seklu li għadda li biex tiġi akkordata ir-restituzzjoni "in intero" irid ikun hemm ġjusta kawża. F'kas ta' maġġorenni ir-'Restitutio' ma tingħatax jekk min jitlobha ma jipprovax li min ġie ingannat u d-drittijiet tiegħu lesi. Din il-lezjoni trid tkun tikkonsisti f'dannu reali u posittiv. Dan il-benefiċċju ma jistax jiġi invokat minn min b'fatt tiegħu proprju ikun iddedikada minn xi dritt.*

*Fl-aħħar nett ukoll il-Qorti tafferma il-prinċipju li r-rimedju ekwitattiv tal-azzjoni tar-"Restitutio in Integrum" ma jiġix konċess lin-negliġenti.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li b'h l-attur wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn billi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Frar, 1959 mogħtija fil-kawża -ismijiet Frank Gulia u oħrajn vs. Avukat Dr. Francis Portanier et. l-assenti Vincenzo Borda ġie kundannat iħallas l-ammont ta' tlieta u tletin lira sterlina (£33) lill-

atturi f'dik il-kawża għall-ħdax il-sena ċens li għalqu missena 1948 sas-sena 1958 tas-sit lilu konċess in enfitewsi perpetwo b'kuntratt -atti tan-Nutar Gio Batta Saydon tal-11 ta' Ġunju, 1900, dokument esibit f'dik il-kawża u ġie prefiss għal dan il-pagament it-terminu ta' xahrejn li ma ġiex prorogat, u ġie inoltri deċis illi f'nuqqas ta' dan il-pagament l-enfitewsi fuq imsemmija hija risoluta bid-devoluzzjoni tal-benefikati eretti fuq il-fond enfitewtiku a favur ta' l-atturi f'dik il-kawża, padruni diretti ta' dik l-enfitewsi, u billi l-imsemmi Borda ma ħallasx u t-terminu skada u ma ġiex prorogat, u billi l-instant jipposjedi l-fond numru 45 li jagħmel parti mill-imsemmi fond enfitewtiku soġġett għal pagament ta' seba xelini u nofs, jew ammont verjuri fis-sena; u billi dik is-sentenza ġiet mogħtija mingħajr l-ebda kompartecipazzjoni ta' l-instant u ad insaputa tiegħu, u b'hekk jinsab preġudikat billi l-fond tiegħu fuq imsemmi, jista' jiġi kolpit mill-effetti ta' dik is-sentenza prevja d-dikjarazzjoni illi dawn il-fatti jikkostitwixxu kawżi gravi u rilevanti biex l-instant jitlob il-provvedimenti hawn taħt indikati; talab li għar-raġunijiet fuq indikati jiġi dikjarat u deċis li is-sentenza fuq imsemmija ma tikkolpix il-fond fuq imsemmi numru 45, Zonqor Terrace, Marsaskala u subordinatament l-istant jiġi reintegrat fl-istat quo anteriuri għall-prolazzjoni ta' dik is-sentenza u għall-prefissjoni u skadenza tat-terminu biha prefiss, u jiġi prefiss terminu ġdid biex l-instant jista' jħallas u b'dan il-mod jippurga l-mora fil-pagament, bl-ispejjeż.

Rat . . . omissis . . .

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Lydia Gulia li biha qalet li d-domandi tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt billi bir-risoluzzjoni tal-enfitewsi oriġinali, spiċċa irrimedjabilment kull dritt derivanti minnha

tal-attur, li qatt ma ġie rikonoxxut minnha u mill-konvenuti l-oħra;

Rat . . . omissis . . .

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenut Frank Gulia li biha qal li:

1: L-attur qatt ma ġie rikonoxxut minnu bħala utilista subutilista jew possessur tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

2: Il-kawża deċisa fit-3 ta' Frar, 1959 kienet ġudizzju integru skond il-liġi u għalhekk tagħmel fronti għal kull ħadd in forza tad-disposizzjonijiet tal-liġi viġenti;

3: L-attur ma ħax kura li jħallas iċ-ċens għal aktar minn għaxar snin u għalhekk għandu jimputa lilu nnifsu jekk imħabba dan huwa tilef il-fond;

4: F'xoljiment ta' enfitewsi imħabba morosità mhux il-każ li l-Qorti tista' ġġedded it-terminu jew terminu ġdid għal purgazzjoni tal-mora;

5: Jekk l-attur iħoss li min kien (di fronti għalih) obbligat iħallas iċ-ċens naqas li jagħmel dan, huwa għandu dejjem azzjoni għad-danni, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li mill-atti tal-kawża jidher li l-attur, li kien subenfitewta tas-sit u benefikati tal-assenti Vincenzo Borda imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, qiegħed jitlob li jiġi dikjarat u

deċis li s-sentenza mogħtija min dina l-Qorti fit-3 ta' Frar, 1959 fuq imsemmija ma tikkolpix il-fond numru 45, Zonqor Terrace, Marsaskala u subordinatament li l-instanti jiġi reintegrat fl-istat "quo anteriuri" għal prolazzjoni ta' dik is-sentenza u għal prefissjoni u skadenza ta' terminu biha prefiss; u jiġi prefiss terminu ġdid biex l-instanti jista jħallas, u b'dana l-mod jippurga l-mora fil-pagament;

Ikkunsidrat:

Li fuq l-ewwel talba, ma hemmx kwistjoni li l-attur ma kienx parti fil-kawża fuq riferita, u anqas ma ġiet imqanqla ebda obbjezzjoni għar-rigward tal-attur li huma mhuwiex subenfitewta ta' Vincenzo Borda; u jinsab stabilit li l-fond tiegħu jagħmel parti mill-fond sebenfitewtiku konċess in enfitewsi temporanja lill-Vincenzo Borda, minn Giulia Gulia b'kuntratt riċevut min Nutar Gio Batta Saydon fil-4 ta' Settembru 1894.

Ikkunsidrat:

Li mill-provi rriżulta li l-attur ma ġiex rikonoxxut mill-padrun dirett bil-forma rikjesta mill-liġi, u li huwa qatt ma ħallas ċens allavolja kien jaf li l-post kien gravat b'ċens u li l-aventi kawża tiegħu kienu morusi wkoll fil-ħlas taċ-ċens skond kif irriżulta mis-sentenza fuq riferita;

Ikkunsidrat:

Li sakemm il-koenfitewti tal-istess fond enfitewtiku ma jiġux mill-padrun dirett liberati mill-indivisibiltà u solidarjetà tal-kanone u ma jiġux minnu separatament rikonoxxuti, l-obbligazzjoni tagħhom għall-pagament taċ-ċens hija indivisibbli u solidali ; u imħabba l-element tas-solidarjetà

l-enfitewta, f'kawża ta' devoluzzjoni, mhuwiex ammess jitlob il-kjamata fil-kawża tas-subenfitewta morus, salv favur tiegħu kwalunkwe dritt ta' regress kontra l-koobbligati. Infatti s-solidarjetà tagħti id-dritt lil kull kreditur li jagħżel lil min irid mid-debituri solidali biex idur fuqu għall-ħlas, u d-debitur m'għandux ħlief id-dritt tar-regress (art. 1139 u 1149 Kod. Ċiv. Kollez. XXXV, 1, 261).

Ikkunsidrat:

Li għalhekk il-presenza tal-attur fil-kawża tad-devoluzzjoni "ob canones non solutos", ma kienitx meħtieġa għaliex id-debitu taċ-ċens huwa individwu għaliex individwa hija r-rikonjizzjoni tad-dominju li għaliha jġi mħallas iċ-ċens. Infatti l-indivisibilità taċ-ċens hija stabilita fl-art. 1583 (1) tal-Kodiċi Ċivili fejn, tra altro, huwa dispost li jekk l-enfitewsi tiġi trasferita lill-żewġ persuni jew iżjed, il-padrun dirett jista' jitlob iċ-ċens kollu min għand kull wieħed li jkun mill-possessuri; u għalhekk l-obbligazzjoni tar-rilaxx bħala konsegwenza tal-mankata obbligazzjoni tal-ħlas taċ-ċens hija indivisibbli, kif indivissibbli hija l-obbligazzjoni tal-ħlas taċ-ċens, u l-azzjoni relativa li hija reali jew mista tiġi eżerċitata fuq il-fond enfitewtiku, anki jekk dana jinsab trasferit lis-subenfitewti (Kollez. VIII, 265 u XXXV, 1, 121). Kwindi dina l-azzjoni tad-devoluzzjoni tipparteċipa mill-istess natura indivissibli tal-azzjoni prinċipali.

Ikkunsidrat:

Li taħt ċ-ċrkustanzi billi ġet stabilita l-prova, bis-sentenza fuq indikata, li l-azzjoni tad-devoluzzjoni saret fil-konfront ta' almenu wieħed (Vincenzo Borda) mill-enfitewti, f'dif il-kawża ma kienx hemm bżonn li jkunu imħarkin

il-possessuri kollha tal-fond enfitewtiku. Dana l-prinċipju ġie rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna aktar reċenti (Kollez. XXVI, 1, 481, XXXVIII, 1, 97), fuq l-Awtorità tad-dottrina ġuridika u tal-ġurisprudenza esteri (Voet. "SI ager vectiqalis" Lib. VI, Lit. 111 n. 37; Amato, "Variarum Resolutinum" Lib. 11, Resolutio 80, No. 13, Molina "De Contractibus, Trattato secondo, Disputatio 453, no. 12, pag. 525; Sent. App. Napoli 23 feb. 1900 Toro e Dep. 1900 Enfiteusi No. 62). Fosthom it-Toullier (Vol. III, V e VI tal-edizzjoni antika) jixraq li jiġi ċitat għaliex jesprimi il-motiv tal-konċett tal-indivisibilità ta' dina l-azzjoni f'dana il-mod: "Tutte queste decisioni sono fondate sul motivo che non si debbono dividere i beni fondi benchè siano divisibli, cosi nell'adempimento come nella recissione delle obbligazioni quando sono stati considerati nel contratto come formanti un sol corpo destinato a restare intero, a che non si può dividere senza notabile pregudizio, sia per l'uuno sia per l'altro contraente".

Ikkunsidrat:

Li in vista ta' motivi premessi dina l-Qorti hija tal-fehma li ma kienitx meħtieġa l-presenza tal-attur fil-kawża fuq riferita, u li konsegwentement il-fond minnu possedut jinsab kolpit bl-effetti kollha ta' dik is-sentenza.

Ikkunsidrat:

Li fuq it-talba għar-"restitutio in integrum" tal-attur għall-istat anterjuri għall-prolazzjoni ta' dik is-sentenza, qabel xejn għandu jingħad li dina l-figura ġuridika mhiex espressament kontemplata mill-liġi tagħna, u ġiet min dejjem konsidrata bħala dak l-att li permezz tiegħu, għall-motivi ta' ekwità, u in forza ta' kawża leġittima jiġi riso-

lut kuntratt li jkun strettament validu skond il-liġi, iżda jkun ta' ħsara lit-terza persuna, li kienet tkun ġeneralment minuri, u dana in vista tal-"inconsulta facilitas" li hija konsegwenza tal-istess tenera età (Ulpiano l-11 para 4 de minor 4, 4).

Ikkunsidrat:

Li fil-kas in desamina, mhiex qegħda tintalab ebda resoluzzjoni tas-sentenza fuq indikata; iżda li l-attur ikun restitwit "in integrum" kontra d-dekorriment tat-terminu fiha prefiss. Dina hija domanda ta' natura speċjali; ma timplika ebda impujazzjoni tas-sentenza; u dawna l-Qrati kienu dejjem proklivi li jilqawha, anki fil-kas tal-maġġorenni, f'kasijiet ferm limitati, u għal motiv "assai rilevante"; u min jinvokaha "deve dimostrare, oltre le lesione, un giusto impedimento od un altra giusta causa di scusa". Infatti ġia mis-seklu li għadda t-Tribunali tagħna affermaw l-prinċipji ta' dina s-sanatorja "Per potere essere accordata la restituzione in intero è necessario che vi concorra una giusta causa secondo il diritto, trattandosi di persone maggiori di età la restituzione in intero non viena accordata se non qualora provassero di essere state ingannate, circonvenuta, od in altro modo lese o pregiudicate. Perchè tale lesione e pregiudizio possano servire di base onde domandare la restituzione in intero, trattandosi sempre di persone maggiorenni è necessario che tale lesione consista in un danno reale e positivo, e non già nella perdita di uno sperato lucro. Detto beneficio non può essere invocato da colui che per fatto proprio decade da un diritto che gli è competente (Kollez. VI, 532, VII, 388). Dawna l-konċetti ġew milqugħa u enunċjati fil-ġurisprudenza aktar reċenti (Kollez. XXIX, 1,276. XXXIV, 1, 332, 348).

Ikkunsidrat:

Li dana r-rimedju, taħt il-kondizzjonijiet ġia espressi, ma kienx ikun ammess fil-kas ta' termini li huma preskritti mill-liġi; iżda billi hawn ninsabu f'materja ta' termini "che per consuetudine si sogliono prefiggere a descrizione senza che alcuna legge prescriva il loro prefiggimento" huwa leċitu għall-attur li jagħmel dina t-talba (v. sent. App. "Magro vs. Tabone" 12 ta' Mejju, 1924, i Kollez. XXVI, 1, 521).

Ikkunsidrat:

Li mill-provi irriżulta li mhuwiex indubitat li l-attur imħabba d-dekorriment taż-żmien impost f'dik is-sentenza tad-devoluzzjoni sejjer isofri dannu rilevanti iżda dana l-element tal-azzjoni m'għandux jittieħed isolament, u għandu jiġi kunsidrat flimkien mar rekwisit l-ieħor, li ċioè jekk l-attur imħabba l-fatt tiegħu proprju, iddekada min dana d-dritt.

Ikkunsidrat:

Li l-attur ma ġieb ebda prova biex jiġġustifika t-talba; illimita ruħu billi ddikjara li huwa ma kienx jaf bl-esitu tal-kawża ħlief meta għadda l-perijodu tax-xahrejn proroga li tat il-Qorti, u hawn, forsi jista' jingħad li l-attur ma kienx tenut, la ma kienx parti fil-kawża, ikun jaf x'ġara fiha. Iżda s-sitwazzjoni tiegħu aggravat ruħha meta ddikjara li huwa qatt ma ħallas ċens, meta kien jaf li l-post kien soġġett għaċ-ċens.

Ikkunsidrat:

Li l-atteġġjament tal-attur huwa dak ta' persuna negliġenti, għaliex huwa messu kien jaf li meta ma tħallasx iċ-ċens, tiddekadi minn xi dritt; u jekk ħalla kważi tmien snin

jgħaddu mingħajr ma jindenja ruħu li jħallas ma setgħax jippretendi li huwa jkollu xi vantaġġi maġġuri minn dawk li seta' kellhom l-aventi kawża tiegħu mhux rikonoxxuti, jekk dawna, ma ħallsux, bħala obbligati miegħu solidalment u indivisibilment lejn il-padrun dirett. Infatti, l-attur ma setgħax ma jkunx jaf li dana l-fond tiegħu kien jifforma parti mis-sit konċess in enfitewsi lill-Vincenzo Borda, għaliex dina n-notizja tinsab miġjuba kjarament f'dik il-parti tal-kuntratt li bih akkwista l-fond, li tirrigwarda d-deskrizzjoni tal-provenjenza tiegħu;

Ikkunsidrat:

Li kif ġie ritenut, in konformità mat-test Roman, li r-rimedju ekwitativ ta' dina l-azzjoni ma jiġix konċess lin-negliġenti (Rota Reċent Deċiż 257, 6o. 12) "Non enim negligentibus subvenitur. sed necessitate resum impeditis" (Leg. 16 Dig. Trt. VI, Lib. IV).

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti kienet tkun proklivi li tirravisa motiv ta' ġustifikazzjoni tal-attur, kieku waslet għall-konklussjoni li huwa messu ġie imsejjaħ fil-kawża tad-devoluzzjoni. Billi però, dana ma kienx meħtieġ, għal reġunijiet ġià permessi, anqas taħt dana l-aspett id-diportament tal-attur ma jintitolahx li jisserva bir-rimedju ta' dina l-azzjoni.

Ikkunsidrat:

Li dwar il-kap tal-ispejjeż l-attur huwa intitolat li jiġi adottat favur tiegħu temperament, għaliex ma rriżultax li f'xi mument "res adhuc integra" huwa ġie min xi ħadd infurmat bl-esitu tal-kawża u bit-terminu fiha prefiss;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur; u l-ispejjeż stanti ċ-ċirkustanzi, għandhom jiġu sopportati, in kwantu għal żewġ terzi mill-attur u terz mill-konvenuti.